

EBA/GL/2023/02

21/02/2023

Linji Gwida (riveduti)

dwar il-metodi għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet għal skemi ta' garanzija tad-depożiti skont id-Direttiva 2014/49/UE, li tħassar u tissostitwixxi l-Linji Gwida EBA/GL/2015/10

1. Obbligi ta' konformità u ta' rappurtar

Status ta' dawn il-Linji Gwida

1. Dan id-dokument jinkludi Linji Gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw mal-Linji Gwida.
2. Il-linji gwida jistabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fi ħdan is-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif għandu jiġi applikat id-dritt tal-Unjoni f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif definiti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, li għalihom japplikaw il-Linji Gwida, għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-Linji Gwida jkunu indirizzati primarjament lill-istituzzjonijiet.

Obbligi ta' rappurtar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-Linji Gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 11.09.2023. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu bħala mhux konformi mill-EBA. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formula pprovduta fuq is-sit web tal-EBA bir-referenza "EBA/GL/2023/02". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrappurtaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe tibdil fl-istatus tal-konformità jrid jiġi rappurtat ukoll lill-EBA.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

5. Dawn il-Linji Gwida jissodisfaw il-mandat mogħti lill-EBA skont l-Artikolu 13(3) tad-Direttiva 2014/49/EU² (DGSD), biex toħroġ Linji Gwida biex jiġu speċifikati metodi għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet lill-SGD.

Kamp ta' applikazzjoni

6. Dawn il-Linji Gwida japplikaw fir-rigward tal-iżvilupp ta' metodi għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju ta' istituzzjonijiet membri għal SGD.
7. L-awtoritajiet kompetenti f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet maħtura għandhom jiżguraw li dawn il-Linji Gwida jiġu applikati mill-SGD meta jiżviluppaw metodi għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju mill-istituzzjonijiet membri tagħhom u li jintużaw meta dawn il-metodi ta' kalkolu jiġu approvati b'konformità mal-Artikolu 13(2) tad-DGSD.
8. Meta l-awtoritajiet kompetenti f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet maħtura jkunu responsabbli għall-iżvilupp u/jew l-applikazzjoni ta' metodu ta' kalkolu, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dawn il-Linji Gwida.
9. Dawn il-Linji Gwida ma japplikawx għall-fergħat ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ta' pajjiżi terzi. Madankollu, l-awtoritajiet kompetenti f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet maħtura jistgħu jagħżlu li japplikaw dawn il-Linji Gwida għal fergħat ta' pajjiżi terzi wkoll.

Destinatarji

10. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lil skemi ta' garanzija tad-depożiti, awtoritajiet kompetenti u awtoritajiet maħtura kif definiti fl-Artikolu 2(1(1), (17) u (18) tad-DGSD (u kif imsemmi fl-Artikolu 4(2), il-punti (i) u (iv) tar-Regolament (UE) 1093/2010).

Definizzjonijiet

11. Sakemm mhux speċifikat mod ieħor, it-termini li ntużaw u ġew definiti fid-DGSD għandhom li-istess tifsira f'dawn il-Linji Gwida. Barra minn hekk, għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Metodu ta' kalkolu	tfisser il-metodu għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet ta' istituzzjonijiet membri għal SGD;
--------------------	--

² Direttiva 2014/49/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar skemi ta' garanzija tad-depożiti (riformulazzjoni) (ĠU L 173/149, 12.6.2014, p. 149).

Intervent tal-SGD	tfisser kwalunkwe azzjoni meħuda mill-SGD li teħtiegħ l-użu tal-fondi tal-SGD, sabiex twettaq id-dmirijiet tagħha li tiprotegħi depożiti koperti f'konformità mal-Artikolu 11 tad-DGSD. Dawn jinkludu, iżda mhux limitati għal, rimborż tad-depożitanti wara l-falliment ta' istituzzjoni membru, kontribuzzjoni tal-SGD għall-finanzjament tar-risoluzzjoni, il-provvista ta' injezzjoni ta' kapital, il-garanzija jew l-akkwizzizzjoni tar-responsabbiltajiet ta' istituzzjoni batuta jew li qed tfalli sabiex jiġi evitat il-falliment tagħha jew miżuri alternattivi biex jiġi ppriżervat l-aċċess tad-depożitanti għad-depożiti koperti.
Istituzzjoni membru	tfisser istituzzjoni ta' kreditu, kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 ³ , affiljat ma' SGD partikolari;
Mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati (QAFM)	kif definit fil-Linji Gwida tal-EBA dwar id-delimitazzjoni u r-rapportar tal-mezzi finanzjarji disponibbli (AFM) tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD) (EBA/GL/2021/17), ippubblikati fis-17 ta' Diċembru 2021.
Mezzi finanzjarji disponibbli oħrajn (AFM oħrajn)	kif definit fil-Linji Gwida tal-EBA dwar id-delineazzjoni u r-rapportar tal-mezzi finanzjarji disponibbli (AFM) tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD) (EBA/GL/2021/17), ippubblikati fis-17 ta' Diċembru 2021.
SREP	tfisser il-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni superviżorji kif deskritt fl-Artikolu 97 tad-Direttiva 2013/36/UE ⁴ u li hu speċifikat b'mod ulterjuri fil-Linji Gwida tal-EBA għall-proċeduri komuni u l-metodoloġiji għall-proċess ta' rieżami u evalwazzjoni superviżorji (SREP) u għall-ittestjar tal-istress superviżorju skont id-Direttiva 2013/36/UE.

³ Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012, ĠU L 176, 27.06.2013, p. 1.

⁴ Direttiva 2013/36/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar l-aċċess għall-attività tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u s-superviżjoni prudenzjali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u tad-ditti tal-investment, li temenda d-Direttiva 2002/87/KE u li tħassar id-Direttivi 2006/48/KE u 2006/49/KE.

3. Implimentazzjoni

Data ta' applikazzjoni

12. Dawn il-Linji Gwida japplikaw mit-3 ta' Lulju 2024. Id-destinatarji jistgħu japplikaw dawn il-Linji Gwida minflok EBA/GL/2015/10 diġà f' data aktar bikrija tal-għażla tagħhom stess, wara d-data tal-pubblikazzjoni fuq is-sit web tal-EBA tal-Linji Gwida fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE (id-data tal-ħruġ tal-Linji Gwida).

Tħassir

13. Il-Linji Gwida EBA/GL/2016/04 jitħassru b'effett mid-data tal-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida. Il-paragrafu 21 tal-EBA/GL/2021/17 jitħassar b'effett mid-data tal-applikazzjoni ta' dawn il-Linji Gwida.⁵

⁵ Il-paragrafu 21 tal-Linji Gwida tal-EBA dwar id-delineazzjoni u r-rapportar tal-mezzi finanzjarji disponibbli (AFM) tal-Iskemi ta' Garanzija tad-Depożiti (SGD) (EBA/GL/2021/17) ġie inkorporat fil-paragrafu 17 ta' dawn il-Linji Gwida.

4. Gwida dwar l-iżvilupp ta' metodi għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet għall-SGD

4.1. Formula tal-kalkolu

14. L-SGD għandha tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet perjodiċi ta' istituzzjoni membru "i" billi tuża l-formula li ġejja.

$$C_i = CR * ARW_i * CD_i * \mu$$

Fejn:

- C_i = Kontribuzzjoni perjodika minn istituzzjoni membru "i"
- CR : = Ir-rata ta' kontribuzzjoni (identika għall-istituzzjonijiet membri kollha f'perjodu partikolari)
- ARW_i = Il-ponderazzjoni tar-riskju aggregata għall-istituzzjoni membru "i"
- CD_i = Id-depożiti koperti għall-istituzzjoni membru "i"
- μ = Il-koeffiċjent ta' aġġustament (identiku għall-istituzzjonijiet kollha f'perjodu partikolari)
- i = istituzzjoni membru "i", li tvarja minn 1 sa "n".

4.2. Ir-rata ta' kontribuzzjoni (CR)

15. L-SGD għandha twettaq is-CR tal-inqas darba fis-sena. Is-CR għal perjodu partikolari għandu jkun:

$$CR = \frac{\text{livell perjodiku fil - mira}}{\sum_{i=1}^n CD_i}$$

16. Bħala minimu, l-SGD għandha tistabbilixxi l-livell perjodiku fil-mira skont ir-riżultat tal-formula li ġejja fejn id-denominatur jeħtieġ li jkun tal-inqas ugwali għal 1:

$$(\text{minimu}) \text{ livell perjodiku fil - mira} =$$

$$\frac{\text{mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati fil - livell minimu fil - mira (QAFM)}}{\text{numru li jifdal ta' perjodi sakemm jintlaħaq il - livell minimu fil - mira f'konformità mal - Artikolu 10(2) tad - DGSD}}$$

17. Meta l-SGD ikollha obbligazzjoni pendenti, u b'kont meħud tar-rekwiżit minimu skont il-paragrafu 16, l-SGD għandha tistabbilixxi l-livell perjodiku fil-mira sabiex tiġbor biżżejjed kontribuzzjonijiet b'mod li jħares' il quddiem sabiex il-livelli li jirriżultaw ta' mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati (QAFM) u mezzi finanzjarji disponibbli oħra (AFM oħra) ikunu biżżejjed għas-servizzjar tal-obbligazzjonijiet pendenti hekk kif dawn l-obbligazzjonijiet ikunu dovuti, kif ukoll biex jintlaħaq il-livell fil-mira fl-iskadenza, stabbilit fl-Artikolu 10(2) tad-DGSD. Meta tistabbilixxi l-livell perjodiku fil-mira, l-SGD għandha tiżgura ż-żewġ elementi li ġejjin:
- li s-servizzjar prevedibbli tal-obbligazzjoni ma jwassalx għal nuqqas ta' kisba ta' riżultat partikolari fir-rigward tar-rotta ta' finanzjament tal-QAFM li tirriżulta mill-applikazzjoni tal-paragrafu 16; u
 - li sa meta l-livell fil-mira jrid jerġa' jintlaħaq f'konformità mal-Artikolu 10(2) tad-DGSD, is-servizzjar prevedibbli tal-obbligazzjoni, waħdu, ma jnaqqasx il-QAFM tal-SGD taħt il-livell fil-mira.
18. L-SGD tista' tistabbilixxi l-livell perjodiku fil-mira ogħla mill-minimu meħtieġ skont il-paragrafu 16, pereżempju, biex jirrifletti l-evoluzzjoni mistennija tad-depożiti koperti aggregati tal-istituzzjonijiet membri.
19. B'kont meħud tal-paragrafi 16, 17 u 18, l-SGD għandha tistabbilixxi l-livell perjodiku fil-mira biex il-kontribuzzjonijiet perjodiċi jitqassmu b'mod kemm jista' jkun ugwali matul iż-żmien biex jintlaħaq il-livell fil-mira tal-SGD.
20. L-awtorità kompetenti f'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura tista' tawtorizza lill-SGD tistabbilixxi livell perjodiku fil-mira aktar baxx mill-minimu meħtieġ mill-paragrafu 16 meta tikkonkludi li l-impostar ta' livell perjodiku fil-mira aktar baxx jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(2) subparagrafu 4 tad-DGSD, u ma jwassalx lill-SGD sabiex tikser ir-rekwiżit li jiġi osservat il-livell minimu fil-mira fid-data ta' skadenza stabbilita fl-Artikolu 10(2) tad-DGSD. Meta tippermetti li l-SGD tistabbilixxi livell perjodiku fil-mira aktar baxx, l-awtorità kompetenti f'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura tista' tqis l-evoluzzjoni mistennija tad-depożiti koperti aggregati tal-istituzzjonijiet membri.
21. L-awtorità kompetenti, f'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura, tista' tagħti parir lill-SGD biex tistabbilixxi livell perjodiku fil-mira ogħla mill-minimu meħtieġ skont il-paragrafu 16 meta tikkonkludi li l-impostar ta' livell perjodiku fil-mira ogħla jissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10(2) subparagrafu 4 tad-DGSD, u tirrifletti l-evoluzzjoni mistennija tad-depożiti koperti aggregati tal-istituzzjonijiet membri meta tistabbilixxi livell perjodiku fil-mira ogħla.
22. Meta SGD tagħmel imposta ta' kontribuzzjonijiet ex post straordinarji skont l-Artikolu 10(8) tad-DGSD, l-SGD għandha minflok tiddetermina s-CR skont il-formula li ġejja:

$$CR: \frac{\text{finanzjament meħtieġ skont l – Artikolu 10(8) tad – DGSD}}{\sum_{i=1}^n CD_i}$$

4.3. Depożiti koperti (CD)

23. Fir-rigward tal-Artikolu 7(3) tad-DGSD, jekk istituzzjoni membru ma tiddeterminax b'mod preċiż l-ammont preċiż ta' depożiti koperti f'kontijiet benefiċjarji jew l-ammont massimu possibbli aċċertat ta' depożiti koperti f'tali kontijiet, l-SGD għandha tassumi li l-fondi kollha fil-kontijiet benefiċjarji jkunu koperti għall-fini tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet. Meta istituzzjoni membru tirrapporta l-ammont preċiż ta' depożiti koperti f'tali kontijiet, jew ammont massimu possibbli aċċertat ta' depożiti koperti f'kontijiet benefiċjarji, l-SGD għandha tqis dawn iċ-ċifri meta tikkalkula l-kontribuzzjonijiet tal-istituzzjoni membru. L-awtorità kompetenti f'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura għandha tiddetermina liema informazzjoni hija meħtieġa biex jitqies l-ammont preċiż jew l-ammont massimu possibbli aċċertat ta' depożiti koperti f'kont benefiċjarju. Fi kwalunkwe każ, l-SGD għandha tkun tista' taċċerta l-ammont massimu possibbli ta' depożiti koperti jekk ikollha l-informazzjoni dwar in-numru ta' persuni li huma assolutament intitolati għas-somom miżmuma f'kont benefiċjarju billi timmultiplika dak in-numru bil-livell ta' kopertura skont l-Artikolu 6 tad-DGSD. L-SGD tista' tirrifletti bilanċi temporanji għoljin bl-għan li jiġi aċċertat l-ammont massimu possibbli ta' depożiti koperti.
24. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet lill-Fond tal-SGD, f'każijiet oħra fejn hemm inċertezza dwar l-eliġibbiltà u l-kopertura ta' depożitu individwali fil-prattika, l-SGD għandha tassumi li d-depożiti huma koperti. L-SGD tista' tinkludi bilanċi għoljin temporanji għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet lill-Fond tal-SGD.

4.4. Koeffiċjent ta' aġġustament (μ)

25. L-SGD għandha tikkalkula l-koeffiċjent ta' aġġustament μ skont il-formula li ġejja:

$$\mu = \frac{\sum_{i=1}^n CD_i}{\sum_{i=1}^n ARW_i * CD_i}$$

4.5. Kalkolu tal-ponderazzjoni tar-riskju aggregata (ARW)

26. L-SGD għandha tassenja l-ARW għal istituzzjoni membru "i" abbażi tal-ARS għal dik l-istituzzjoni.
27. L-SGD għandha tikkalkula l-ARS billi tiġbor flimkien il-punteġġi ta' riskju tal-indikaturi individwali kollha (IRS) ta' dik l-istituzzjoni membru, immultiplikati b'ponderazzjonijiet ta' indikaturi xierqa (IW) għal kull IRS.
28. L-SGD għandha tikkalkula l-IRS abbażi tal-indikaturi tar-riskji xierqa.

(i) Il-kategoriji ta' riskji u l-indikaturi tar-riskji

Il-kategoriji ta' riskji

29. L-SGD għandha tikkalkula l-ARW għal istituzzjoni membru individwali abbażi ta' sett ta' indikaturi tar-riskji minn kull waħda mill-ħames kategoriji ta' riskji li ġejjin:
- Kapital: l-indikaturi għandhom jirriflettu l-livell ta' kapaċità li tassorbi t-telf tal-istituzzjoni.
 - Likwidità u finanzjament: l-indikaturi għandhom ikejlu l-kapaċità tal-istituzzjoni membru li tissodisfa l-obbligi fuq perjodu qasir jew fit-tul meta jkun dovuti mingħajr effett negattiv fuq il-kundizzjoni finanzjarja tagħha.
 - Kwalità tal-assi: l-indikaturi għandhom ikejlu l-limitu sa fejn huwa probabbli li l-istituzzjoni membru tesperjenza telf ta' kreditu.
 - Mudell tan-negozju u ġestjoni: l-indikaturi għandhom ikejlu r-riskju li jirriżulta mill-mudell tan-negozju attwali tal-istituzzjoni membru u l-pjanijiet strateġiċi, il-kwalità tal-governanza interna u l-kontrolli interni tal-istituzzjoni membru.
 - Telf potenzjali għall-SGD: l-indikaturi għandhom jirriflettu t-telf potenzjali għall-SGD li jirriżulta minn intervent tal-SGD, li l-SGD x'aktarx ma tirkuprax.

Indikaturi tar-riskji ewlenin

30. F'kull kategorija ta' riskju, l-SGD għandha tinkludi l-indikaturi tar-riskji ewlenin speċifikati Tabella 1 fil-metodu ta' kalkolu. Bħala eċċezzjoni, l-awtoritajiet kompetenti f'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura jistgħu jeskludu jew jippermettu li l-SGD teskludi, fir-rigward ta' tipi speċifiċi ta' istituzzjonijiet, indikatur ewlieni meta jkun hemm ġustifikazzjoni li dan l-indikatur mhux disponibbli minħabba l-karatteristiċi legali jew ir-reġim superviżorju tat-tali istituzzjonijiet.
31. Meta l-awtoritajiet kompetenti f'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura jew mal-SGD ineħħu indikatur tar-riskju ewlieni għal tip speċifiku ta' istituzzjoni membru, għandhom jużaw l-aktar indikatur xieraq għall-indikatur imneħħi. Għandhom jiżguraw li r-riskji maħluqa mill-istituzzjoni għall-SGD ikunu riflessi f'indikaturi oħra użati. Għandhom jikkunsidraw ukoll il-bżonn li jkun hemm kundizzjonijiet ekwi għal istituzzjonijiet membri oħra li għalihom ikun disponibbli l-indikatur eskluż.
32. L-SGD għandha tapplika jew il-Proporzjon ta' Kopertura tal-Kapital jew il-proporzjon ta' Ekwità Komuni ta' Grad 1 bħala indikatur ewlieni.

Tabella 1: Indikaturi tar-riskji ewlenin

Isem l-indikatur	Formula / Deskrizzjoni	Sinjal
1. Kapital		
1.1. Proporzjon ta' Ingranaġġ	Proporzjon ta' Ingranaġġ kif imsemmi fl-Artikolu 429 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	(-) Valur ogħla jindika inqas riskju
1.2. Proporzjon ta' Ekwiżità Komuni ta' Grad 1 (proporzjon ta' CET1)	Proporzjon ta' CET1 kif imsemmi fl-Artikolu 92(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	(-) Valur ogħla jindika inqas riskju
1.2.b Proporzjon ta' Kopertura tal-Kapital (CCR)	<p><u>Proporzjon attwali ta' CET1</u> <u>Proporzjon meħtieġ ta' CET1</u> ^{jew} <u>Fondi proprji attwali</u> Fondi proprji meħtieġa</p> <p>Fejn: "fondi proprji" kif imsemmi fl-Artikolu 4(118) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. "CET1 meħtieġ" u "fondi proprji meħtieġa" jirreferu għat-total ta' CET1 u r-rekwiżiti ta' fondi proprji totali ta' istituzzjoni skont l-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-Artikolu 104(1)(a) u l-Artikolu 128(6) tad-Direttiva 2013/36/UE.</p>	(-) Valur ogħla jindika inqas riskju
2. Likwidità u finanzjament		
2.1. Proporzjon tal-Kopertura tal-Likwidità (LCR)	LCR kif imsemmi fl-Artikolu 412 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.	(-) Valur ogħla jindika inqas riskju
2.2. Proporzjon ta' Finanzjament Stabbli Nett (NSFR)	NSFR kif definit fl-Artikolu 428a-428az tar-Regolament (UE) Nru 575/2013	(-) Valur ogħla jindika inqas riskju
3. Kwalità tal-assi		
3.1 Proporzjon tas-self li ma jrendix (proporzjon ta' NPL)	Proporzjon ta' NPL kif speċifikat fl-Artikolu 11(2) subparagrafu (g) punt (ii) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 ⁶	(+) Valur ogħla jindika riskju ogħla

⁶ Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/451 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rapportar supervizzorju tal-istituzzjonijiet u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 680/2014.

4. Mudell ta' negozju u maniġment		
4.1. Ammont tal-iskopertura totali għar-riskju (TREA) / Proporzjon tal-assi totali	$\frac{\text{Ammont tal – Iskopertura Totali għar – Riskju (TREA)}}{\text{Assi totali}}$ <p>Fejn: “Ammont tal-Iskopertura Totali għar-Riskju” kif imsemmi fl-Artikolu 92(3) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013</p> <p>L-SGD jistgħu jużaw kalibrazzjonijiet differenti għall-istituzzjonijiet membri li jużaw l-approċċ ibbażat fuq klassifikazzjonijiet interni jew il-metodi standardizzati għall-kalkolu tal-ammonti ta' skoperturi ponderati għar-riskju</p>	(+) Valur ogħla jindika riskju ogħla
4.2 Redditu fuq l-assi (RoA)	$\frac{\text{Introjtu Nett}}{\text{Assi Totali}}$ <p>L-SGD għandhom jikkalkulaw ir-RoA bħala medja fuq tal-inqas sentejn sabiex jevitaw l-inklużjoni ta' avvenimenti ta' darba u jevitaw il-proċikliċità fil-kontribuzzjonijiet.</p>	(-)/(+) B'mod ġenerali, valur ogħla jindika inqas riskju, iżda valuri għoljin wisq jistgħu jindikaw ukoll riskju għoli
5. Telf potenzjali għall-SGD		
5.1. Depożiti koperti / assi mhux aggravati	$\frac{\text{Depożiti Koperti}}{\text{Assi Mhux Aggravati}}$ <p>Fejn: “assi mhux aggravati” hija definita fl-Artikolu 411(5) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.</p>	(+) Valur ogħla jindika riskju ogħla

Indikaturi tar-riskji addizzjonali

33. Minbarra l-indikaturi tar-riskji ewlenin, l-SGD tista' tiddefinixxi u tinkludi indikaturi tar-riskji addizzjonali li huma rilevanti għad-determinazzjoni tad-differenzi fil-profilu tar-riskji tal-istituzzjonijiet membri tagħha.
34. Jekk Stat Membru, permezz ta' regolament, ikun impona restrizzjonijiet fuq istituzzjonijiet f'ċertu subsettur b'mod li jnaqqas sostanzjalment il-probabbiltà ta' intervent tal-SGD, l-SGD tista' tnaqqas il-kontribuzzjonijiet minn istituzzjonijiet membri li jappartjenu għas-settur rispettiv b'riskju baxx f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-DGSD, billi tinkludi indikatur tar-riskju addizzjonali, bil-kundizzjoni li l-awtorità kompetenti u l-awtorità maħtura jkun, b'mod kooperattiv, wara li kkonsultaw lill-SGD, ippermettewh, abbażi ta' evidenza empirika li tindika li f'dawn is-setturi b'riskju baxx l-okkorrenza ta' interventi tal-SGD kienet konsistentement aktar baxxa minn f'setturi oħrajn.
35. L-SGD tista' tnaqqas il-kontribuzzjonijiet ta' istituzzjoni membru li hija parti minn skema ta' protezzjoni istituzzjonali (SPI) skont it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 13(1) tad-DGSD billi tinkludi indikatur ta' riskji addizzjonali fil-metodu ta' kalkolu. L-indikatur tas-sħubija f'SPI għandu jirrifletti l-protezzjoni addizzjonali tas-solvenza u l-likwidità pprovduta mill-SPI lill-istituzzjoni membru. Għal dak il-għan, l-indikatur tar-riskju addizzjonali għandu jkejjel l-ammont

tal-fondi ex ante tal-SPI li huma disponibbli mingħajr dewmien kemm għall-finijiet ta' rikapitalizzazzjoni kif ukoll ta' finanzjament ta' likwidità. Dan jista' jinkludi wkoll impenji ta' finanzjament addizzjonali eżerċitabbli fuq talba u sostnuti minn riżervi ta' likwidità miżmuma minn membri tal-SPI. Sabiex jitkejjel jekk dawn il-fondi ex ante humiex kbar biżżejjed biex jipprovdu appoġġ kredibbli u effettiv għal dik l-istituzzjoni membru, l-SGD għandha tistabilixxihom fir-rigward tad-daqs tal-istituzzjoni membru tal-SPI.

Rekwiżiti għall-indikaturi tar-riskji

36. L-SGD għandha tuża indikaturi tar-riskji li jaqdbu spettru wiesa' biżżejjed ta' sorsi ta' riskji fil-metodu ta' kalkolu. Jekk u meta SGD tagħżel indikaturi addizzjonali, dan jista' jinkludi, iżda mhux limitat għal, riskji li jirriżultaw mill-ħasil tal-flus, governanza ħażina jew kwalità fqira ta' fajls Single-Customer-View.
37. L-SGD għandha tallinja l-għażla tal-indikaturi ta' riskji mal-aħjar prattiki fil-ġestjoni tar-riskji u mar-rekwiżiti prudenzjali eżistenti.
38. L-SGD għandha tuża l-valuri tal-indikaturi tar-riskji għal kull istituzzjoni membru kkalkulati fuq bażi individwali.
39. Madankollu, l-SGD għandha tikkalkula l-valur tal-indikaturi tar-riskji f'livell ikkonsolidat meta l-Istat Membru jeżerċita l-fakultà prevista fl-Artikolu 13(1) tad-Direttiva 2014/49/UE li tippermetti li l-korp ċentrali u l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha li huma affiljati b'mod permanenti mal-korp ċentrali, kif imsemmi fl-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 575/2013, ikunu soġġetti lkoll għall-ponderazzjoni tar-riskji ddeterminata għall-korp ċentrali u l-istituzzjonijiet affiljati tiegħu fuq bażi kkonsolidata.
40. Meta istituzzjoni membru tkun irċeviet eżenzjoni mill-ilħuq tar-rekwiżiti kapitali u/jew tal-likwidità fil-livell individwali skont l-Artikoli 7, 8 jew 21 tar-Regolament (UE) 575/2013, l-SGD għandha tikkalkula l-indikaturi ta' kapital/likwidità korrispondenti fil-livell ikkonsolidat jew semi-konsolidat.
41. Sabiex jiġu kkalkulati l-valuri tal-indikaturi tar-riskji għal perjodu partikolari, l-SGD għandha tuża:
 - a. il-valur fi tmiem il-perjodu ta' rapportar għall-pożizzjonijiet mir-rapport tal-introjt;
 - b. il-medja bejn il-valur fi tmiem il-perjodu ta' rapportar u l-valur fi tmiem il-perjodu ta' rapportar preċedenti għall-pożizzjonijiet mill-karta tal-bilanċ.

(ii) Ponderazzjonijiet għal indikaturi u kategoriji tar-riskji

42. L-SGD għandha tassinja ponderazzjonijiet lill-indikaturi kollha tar-riskji fil-metodu għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet sabiex is-somma tagħhom tkun ugwali għal 100 %.

43. Meta tassenja l-ponderazzjonijiet lil indikaturi tar-riskji partikolari, l-SGD għandha tassenja tal-inqas il-ponderazzjonijiet minimi lill-kategoriji ta' riskji u lill-indikaturi tar-riskji ewlenin, kif speċifikat fit-Tabella 2.

Tabella 2: Il-ponderazzjonijiet minimi għall-kategoriji ta' riskji u l-indikaturi tar-riskji ewlenin

Il-kategoriji ta' riskji u l-indikaturi tar-riskji ewlenin	Ponderazzjonijiet minimi
1. Kapital	20 %
1.1. Proporzjon ta' ingranaġġ	10 %
1.2. Proporzjon ta' CET1 jew CCR	10 %
2. Likwidità u finanzjament	15 %
2.1. LCR	5 %
2.2. NSFR	10 %
3. Kwalità tal-assi	12.5 %
3.1. Proporzjon ta' NPL	12.5 %
4. Mudell ta' negozju u maniġment	15 %
4.1. TREA / Assi totali	5 %
4.2. RoA	10 %
5. Telf potenzjali għall-SGD	12.5 %
5.1. Depożiti koperti / Assi mhux aggravati	12.5 %
Somma	75 %

44. Is-somma tal-ponderazzjonijiet minimi speċifikata f'dawn il-Linji Gwida għall-kategoriji ta' riskji u l-indikaturi tar-riskji ewlenin tammonta għal 75 % tal-ponderazzjonijiet totali. L-SGD għandha tqassam l-25 % li jifdal bejn il-kategoriji ta' riskji stabbiliti fil-paragrafu 29.
45. L-SGD għandha talloka l-25 % flessibbli tal-ponderazzjonijiet billi tqassamhom bejn l-indikaturi tar-riskji addizzjonali u/jew billi żżid il-ponderazzjonijiet minimi tal-indikaturi tar-riskji ewlenin. Il-ponderazzjoni ta' kwalunkwe indikatur ma għandhiex tkun ogħla minn 25 %.
46. Meta ma jintużax indikatur ewlieni, l-SGD għandha tassenja lill-kumplement tal-indikatur ewlieni mill-istess kategorija ta' riskji l-ponderazzjoni minima kollha għal din il-kategorija ta' riskji.
47. Meta jkun hemm indikatur ewlieni wieħed biss f'kategorija, u dan l-indikatur ewlieni ma jintużax, l-SGD għandha tissostitwixxi b'indikatur li jkollu l-istess ponderazzjoni minima bħall-indikatur ewlieni.
48. Għal kwalunkwe indikatur tar-riskju, l-SGD għandha tassenjalu ponderazzjoni waħda u tapplika dik l-istess ponderazzjoni għall-istituzzjonijiet membri kollha.

(iii) Indikaturi tar-riskji individwali (IRS)

49. Għal kull valur ta' indikatur tar-riskju, l-SGD għandha tassenja punteġġ tar-riskju individwali (IRS) li jvarja minn 0 sa 100, fejn 0 jindika r-riskju l-aktar baxx u 100 l-ogħla riskju. Għall-kalkolu ta' kull IRS, l-SGD tista' jew tapplika l-metodu tal-"bramel" jew il-metodu ta' "skala progressiva".
50. L-SGD għandhom japplikaw għidizzju espert biex jikkalibraw il-livelli limiti, iżda fi kwalunkwe każ għandhom jirrispettaw il-livelli limiti minimi li ġejjin:
- Għall-proporzjon tal-ingranaġġ, il-proporzjon ta' ekwità ewlenija ta' Grad 1, il-proporzjon tal-kopertura tal-likwidità u l-proporzjon ta' finanzjament stabbli nett, jekk il-valur tal-indikatur ta' istituzzjoni membru jkun inqas mir-rekwiżit regolatorju minimu applikabbli skont l-Artikolu 92(1), 412 u 413 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, allura l-IRS korrispondenti għandhom ikunu 100.
 - Għall-proporzjon ta' kopertura tal-kapital, jekk il-valur tal-indikatur ta' istituzzjoni membru jkun inqas minn 100 %, allura l-IRS korrispondenti għandhom ikunu 100.
 - Għall-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju / il-proporzjon totali tal-assi u d-depożiti koperti / il-proporzjon tal-assi mhux aggravati, jekk il-valur tal-indikatur ta' istituzzjoni membru jkun ogħla minn 100 %, allura l-IRS korrispondenti għandhom ikunu 100.

Il-metodu tal-"bramel" għall-IRS

51. Fil-metodu tal-"bramel", għal indikatur tar-riskju partikolari, l-SGD tiddefinixxi numru fiss ta' klassijiet ta' riskji (bramel), u l-minimu hu żewġ ibramel. L-SGD għandha tiddefinixxi n-numru ta' bramel biex tirrifletti livelli differenti ta' riskji maħluqa mill-istituzzjonijiet membri (pereżempju riskju għoli, riskju medju jew riskju baxx) ivvalutati abbażi tal-indikatur tar-riskju partikolari.
52. Għal kull barmil ta' indikatur tar-riskju "j", l-SGD għandha tiddetermina limitu superjuri u inferjuri tal-valur "A" tal-indikatur tar-riskju b'tali mod li l-istituzzjonijiet membri b'livell simili ta' riskju jġu raggruppati fl-istess barmil. L-SGD għandha tiddetermina l-limiti tal-bramel jew fuq bażi relattiva jew fuq bażi assoluta, fejn:
- Meta tintuża l-bażi relattiva, l-SGD għandha tqassam l-istituzzjonijiet membri b'mod indaqs bejn il-bramel. L-SGD tiddetermina l-limiti tal-bramel wara li tiddetermina l-valuri "A" tal-indikatur tar-riskju tal-istituzzjonijiet membri fl-istess barmil.
 - Meta tuża l-bażi assoluta, l-SGD għandha tiddetermina l-limiti tal-bramel biex jirriflettu li l-valuri kollha "A" tal-indikatur tar-riskju fi ħdan dawn il-limiti jirrappreżentaw livell simili ta' riskju u li l-istituzzjonijiet membri kollha b'livell simili ta' riskju jispiċċaw fl-istess barmil.
53. L-SGD għandha tistabbilixxi n-numru u l-limiti tal-bramel biex tiżgura li jkun hemm differenzjazzjoni suffiċjenti u sinifikanti tal-istituzzjonijiet membri. L-SGD għandha tevita l-

kalibrar tan-numru u l-limiti b'tali mod li l-istituzzjonijiet membri kollha, minkejja li jirrappreżentaw differenzi sinifikanti fil-livelli tar-riskji mkejla b'indikatur tar-riskju partikolari, jiġu kklassifikati fl-istess barmil.

54. L-SGD ma għandhiex tistabbilixxi limitu superjuri għall-ogħla barmil u ma għandha qatt tistabbilixxi limitu inferjuri għall-barmil l-aktar baxx.
55. Għal kull barmil ta' indikatur tar-riskju, l-SGD għandha tassenja IRS korrispondenti. L-SGD għandha tassenja IRS ta' 100 lill-barmil l-aktar riskjuż u IRS ta' 0 lill-barmil l-inqas riskjuż. L-SGD tista' tiddevja minn din ir-regola għall-indikaturi tar-riskji li jista' jkollhom biss żewġ valuri possibbli u fejn wieheđ minnhom jirrappreżenta livell ta' riskju medju. Jekk l-SGD tiddeċiedi li tagħmel użu minn din il-possibbiltà, allura għandha tassenja IRS ta' 50 lill-barmil li jirrappreżenta l-livell ta' riskju medju filwaqt li l-IRS assenjati lill-barmil l-ieħor għandhom ikunu jew 100 jew 0.

Il-metodu ta' "skala progressiva" għall-IRS

56. F'dan il-metodu, għal kull istituzzjoni "i" u għal kull indikatur tar-riskju "j", l-SGD għandha tikkalkula IRS fuq il-bażi tal-valur "A" tal-indikatur tar-riskju. L-SGD għandha tiddefinixxi limitu superjuri "a_j" u limitu inferjuri "b_j" għal kull indikatur. Jekk il-valur tal-indikatur huwa bejn il-limiti definiti, l-SGD għandha tassenja l-valur tal-IRS bejn 0 u 100 skont iż-żewġ formuli li ġejjin:
- a. Meta valur indikatur ogħla jindika riskju ogħla u l-indikatur ikun ogħla mil-limitu superjuri "a_j", l-SGD għandha tistabbilixxi l-valur tal-IRS f'100. Bl-istess mod, meta l-valur tal-indikatur ikun taħt il-limitu inferjuri "b_j", l-SGD għandha tistabbilixxi l-valur tal-IRS f'0. Il-formula korrispondenti hija:

$$IRS_{ij} = \begin{cases} 100 & \text{jekk } A_{ij} > a_j \\ 0 & \text{jekk } A_{ij} < b_j \\ \frac{A_{ij} - b_j}{a_j - b_j} * 100, & \text{jekk } b_j \leq A_{ij} \leq a_j \end{cases}$$

fejn j = l-indikatur "j", li jvarja minn 1 sa "m".

- b. B'mod analogu, jekk indikatur aktar baxx jindika riskju ogħla u l-indikatur ikun inqas mil-limitu aktar baxx "b_j", l-SGD għandha tiffissa l-valur tal-IRS f'100. B'mod korrispondenti, meta l-valur tal-indikatur ikun ogħla mil-limitu superjuri "a_j", l-SGD għandha tiffissa l-valur tal-IRS f'0. Il-formula korrispondenti hija:

$$IRS_{ij} = \begin{cases} 0 & \text{jekk } A_{ij} > a_j \\ 100 & \text{jekk } A_{ij} < b_j \\ \frac{a_j - A_{ij}}{a_j - b_j} * 100, & \text{jekk } b_j \leq A_{ij} \leq a_j \end{cases}$$

57. Għal kull indikatur tar-riskju, l-SGD għandha tikkalibra l-limitu superjuri “ a_j ” u l-limitu inferjuri “ b_j ” sabiex tiżgura li jkun hemm differenzjazzjoni suffiċjenti u sinifikanti tal-istituzzjonijiet membri. L-SGD għandha tevita l-kalibrar tal-limiti superjuri u inferjuri b’tali mod li l-istituzzjonijiet membri kollha, minkejja differenzi sinifikanti fil-qasam imkejje minn indikatur tar-riskju partikolari, għandhom jaqgħu b’mod persistenti jew taħt jew ’il fuq mil-limitu superjuri.

(iv) Aggregazzjoni tal-IRS fl-ARS

58. Kull IRS tal-indikatur tar-riskju “ j ” għal istituzzjoni “ i ” għandu jiġi mmultiplikat bir-riskju IW assenjat lil indikatur tar-riskju speċifiku “ j ”. L-IRS ponderati imbagħad għandhom jingħataw fil-qosor f’ARS skont il-formula li ġejja:

$$ARS_i = \sum_{j=1}^m IW_j * IRS_{ij}$$

Fejn:

$$\sum_{j=1}^m IW_j = 100\%$$

(v) Kalkolu tal-ARW abbażi tal-ARS

59. Għal kull ARS, l-SGD għandha tassenja ARW korrispondenti billi tistabbilixxi l-livelli limiti għall-ARW u billi tapplika jew il-metodu tal-“bramel” jew il-metodu ta’ “skala progressiva”, irrispettivament mill-metodu użat biex jiġu ddeterminati l-IRS differenti tal-indikaturi tar-riskji.
60. L-SGD għandha tassenja l-ARW lill-ARS b’tali mod li jkun possibbli li l-istituzzjonijiet membri jiġu assenjati lill-inqas jew lill-ogħla ARW, u li jimtlew id-diversi klassijiet ta’ riskji. B’mod partikolari, l-SGD għandha tevita l-kalibrar tal-mudell b’tali mod li kważi l-istituzzjonijiet membri kollha, minkejja li jkollhom profili tar-riskji differenti, ikunu assenjati lil klassi waħda ta’ riskju biss (pereżempju, il-klassi tar-riskju għal istituzzjonijiet bi profil tar-riskju medju) u b’hekk jiġu assenjati l-istess ARW. Madankollu, dan ma jimplikax li f’kull perjodu l-SGD bilfors trid tagħmel użu mill-intervall sħiħ u tassenja istituzzjonijiet membri lill-ARW korrispondenti għall-inqas u l-ogħla livelli limiti tal-ARW.

Livelli limiti għall-ARW

61. L-SGD għandha tistabbilixxi l-livell limitu superjuri “ α ” u l-livell limitu inferjuri “ β ” tal-ARW biex jirriflettu d-differenzi fir-riskju mġarrab minn istituzzjonijiet membri differenti.
62. L-SGD għandha tistabbilixxi l-livell limitu superjuri “ α ” tal-ARW bejn 150 % u 200 %.
63. L-SGD għandha tistabbilixxi l-livell limitu inferjuri “ β ” tal-ARW bejn 50 % u 75 %.

64. L-SGD tista' tistabbilixxi intervall usa' meta jkun hemm ġustifikazzjoni li l-intervall limitat għal 50 %-200 % ma jirriflettix biżżejjed id-differenzi fil-mudelli ta' negozju u l-profili tar-riskji tal-istituzzjonijiet membri u li joħloq periklu morali billi jiġbor flimkien b'mod artifiċjali istituzzjonijiet membri li għandhom profili tar-riskji differenti ħafna.

Il-metodu tal-"bramel" għall-ARW

65. Jekk l-SGD tapplika l-metodu tal-bramel, hija għandha tiddefinixxi firxiet għall-ARS b'tali mod li jikkorrispondu għal klassi ta' riskju partikolari (barmil) u jassenjaw ARW f'kull barmil skont il-formula li ġejja:

$$ARW_i = \beta * \left(\frac{\alpha}{\beta}\right)^{\left(\frac{Barmil_p - 1}{P - 1}\right)}$$

Fejn:

P = in-numru totali ta' bramel għall-ARW;

P = in-numru tal-barmil, li jibda minn 1 (il-barmil bl-inqas riskju possibbli) u jispiċċa f'P (il-barmil bl-ogħla riskju possibbli);

$\beta = ARW(1)$, jiġifieri, il-valur tal-ARW mixtieq li jikkorrispondi għall-barmil 1 (il-limitu inferjuri); u

$\alpha = ARW(N)$, jiġifieri, il-valur tal-ARW mixtieq li jikkorrispondi għall-barmil P (limitu superjuri).

66. L-SGD għandha tistabbilixxi n-numru ta' bramel "P" fi proporzjon man-numru u l-varjetà ta' istituzzjonijiet membri. Madankollu, l-SGD għandha tistabbilixxi tal-inqas erba' bramel "P". L-SGD għandha tistabbilixxi tal-inqas barmil wieħed għal istituzzjonijiet membri b'riskju medju, tal-inqas barmil wieħed għal membri b'riskju baxx u tal-inqas żewġ ibramel għal istituzzjonijiet b'riskju għoli.

Il-metodu ta' "skala progressiva" għall-ARW

67. Jekk l-SGD tapplika l-metodu tal-iskala progressiva, għandha tassenja lil kull ARS ARW korrispondenti skont il-formula li ġejja:

$$ARW_i = \beta * \left(\frac{\alpha}{\beta}\right)^{\left(\frac{ARS_i}{100}\right)}$$

Fejn:

l-ARS ta' istituzzjoni "I" jistgħu jieħdu kwalunkwe valur bejn 0 u 100;

$\beta = ARW(0)$, jiġifieri l-valur tal-ARW mixtieq li jikkorrispondi għal valur tal-ARS ta' 0 (il-limitu inferjuri); u

$\alpha = ARW(100)$, jiġifieri l-valur tal-ARW mixtieq li jikkorrispondi għal ARS ta' 100 (limitu superjuri).

68. F'dan il-metodu, l-ARW assoċjata mal-ARS qed tikber b'mod esponenzjali, b'limitu superjuri " α " u limitu inferjuri " β ". Għal istituzzjoni partikolari meta l-ARS ikunu 100 (il-punteġġ l-aktar riskju), il-ponderazzjoni tar-riskju korrisonendenti se tkun " α ", li hi l-ogħla ponderazzjoni tar-riskju. B'mod simili, jekk l-ARS ikunu 0, il-ponderazzjoni tar-riskju korrisonendenti se tkun " β ", li hi l-inqas ponderazzjoni tar-riskju.
69. Meta d-distribuzzjoni tal-ARS tal-istituzzjonijiet membri ta' SGD tkopri biss firxa parzjali tal-ARS possibbli, minflok il-medda sħiħa minn 0 sa 100, l-SGD tista' tirrifletti din is-sitwazzjoni billi tiddeċiedi li tapplika livell limitu " γ " tal-ARS ta' aktar minn 0 u livell limitu " δ " ta' inqas minn 100. F'dan il-każ, ARS iżgħar minn jew ugwali għal " γ " għandhom jiġu assenjati ARW ta' " β " u ARS ogħla minn jew ugwali għal " δ " għandhom jingħataw ARW ta' " α ". Il-formula mtejbja korrisonendenti hija:

$$ARW_i = \beta * \left(\frac{\alpha}{\beta}\right)^{\left(\frac{ARS_i - \gamma}{\delta - \gamma}\right)}$$

Fejn:

$$0 < \gamma < \delta < 100;$$

γ huwa l-livell limitu inferjuri tal-ARS li jiġi tradott għall-inqas ARW β ; u

δ huwa l-livell limitu superjuri attwali tal-ARS li jiġi tradott għall-ogħla ARW α .

70. L-SGD għandha tistabbilixxi l-livelli limiti " γ " u " δ " sabiex l-ebda ARS ta' istituzzjoni membru ma jaqbeż " δ " jew jaqa' taħt " γ " fiż-żmien tal-kalibrazzjoni.

4.6. Modifiki fakultattivi fil-formula ta' kalkolu

71. L-SGD tista' timmodifika l-formula ta' kalkolu fit-Taqsima 4.1 ta' dawn il-Linji Gwida kif deskritt hawn taħt.

(i) Il-kontribuzzjoni minima

72. L-SGD tista' teħtieġ li l-istituzzjonijiet membri jħallsu kontribuzzjoni minima (MC) irrispettivament mill-ammont tad-depożiti koperti tagħhom billi japplikaw waħda mill-formuli ta' kalkoli modifikati li ġejjin biex jikkalkulaw il-kontribuzzjonijiet individwali:

- a. F'każijiet fejn l-SGD teħtieġ li l-istituzzjonijiet membri jħallsu parti mill-kontribuzzjonijiet perjodiċi totali tagħhom fil-forma ta' kontribuzzjoni minima flimkien ma' kontribuzzjoni bbażata fuq ir-riskju:

$$C_i = MC + (CR_{MC1} * ARW_i * CD_i * \mu)$$

Fejn:

MC= Kontribuzzjoni minima, li hija identika għall-istituzzjonijiet membri kollha; u

$$CR_{MC1} = \frac{\text{livell perjodiku fil - mira} - n * MC}{\sum_{i=1}^n CD_i}$$

- b. F'każijiet fejn l-SGD teħtieġ li l-istituzzjonijiet membri jħallsu jew kontribuzzjoni bbażata fuq ir-riskju, jew kontribuzzjoni minima, skont liema tkun l-ogħla:

$$C_i = \text{Max} \{MC ; (CR_{MC2} * ARW_i * CD_i * \mu^*)\}$$

Fejn:

MC= Kontribuzzjoni minima, li hija identika għall-istituzzjonijiet membri kollha;

x = ln-numru ta' istituzzjonijiet li għandhom iħallsu biss il-kontribuzzjoni minima.

Il-metodu biex jiġi ddeterminat x huwa deskritt fl-Anness 1;

$$CR_{MC2} = \frac{\text{livell perjodiku fil - mira} - x * MC}{\sum_{i=x+1}^n CD_i}$$

u

$$\mu^* = \frac{\sum_{i=x+1}^n CD_i}{\sum_{i=x+1}^n (ARW_i * CD_i)}$$

73. Meta tistabbilixxi kontribuzzjoni minima, l-SGD għandha tagħti attenzjoni speċjali għar-riskju tal-periklu morali inerenti meta jiġu stabbiliti l-kontribuzzjonijiet fissi u r-riskju li jinħolqu ostakoli għad-dħul fis-suq tas-servizzi bankarji.

(ii) L-użu tal-fondi tal-SGD għall-prevenzjoni ta' falliment

74. Meta Stat Membru jippermetti li SGD, inkluża IPS rikonossuta b'mod uffiċjali bħala SGD, tuża mezzi finanzjarji disponibbli għal miżuri alternattivi sabiex jiġi evitat il-falliment ta' istituzzjoni ta' kreditu, din l-SGD tista' tinkludi fattur addizzjonali fil-kalkolu bbażat fuq ir-riskju tagħha stess abbażi tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju tal-istituzzjoni. F'dan il-każ, l-SGD għandha tapplika l-formula ta' kalkolu emendata li ġejja:

$$C_i = CR * ARW_i * (CD_i + TREA_i) * \mu^{**}$$

Fejn:

TREA_i = l-ammont tal-ammont tal-iskopertura totali għar-riskju tal-istituzzjoni "i"; u

$$\mu^{**} = \frac{\sum_{i=1}^n (CD_i)}{\sum_{i=1}^n (ARW_i * (CD_i + TREA_i))}$$

75. Qabel ma l-SGD tkun tista' timplimenta l-fattur addizzjonali, l-awtorità kompetenti, f'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura, għandha tevalwa, bħala parti mill-approvazzjoni tal-metodu ta' kalkolu, jekk l-introduzzjoni tagħha hijiex proporzjonata għar-riskju ta' intervent sabiex jiġi evitat il-falliment tal-istituzzjonijiet lil hinn mill-protezzjoni tad-depożiti koperti.

(iii) Metodu ta' kontribuzzjonijiet ibbażat fuq l-istokkijiet

76. Meta l-awtorità kompetenti, f'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura, tawtorizza lill-SGD tapplika metodu ta' kontribuzzjoni bbażat fuq l-istokkijiet minflok il-metodu ta' kontribuzzjoni bbażat fuq il-fluss, l-SGD għandha tapplika l-formula ta' kalkolu li ġejja minflok dik deskritta fil-paragrafu 14:

$$C_i = CR_{\text{ibbażata fuq l-istokkijiet}} * ARW_i * CD_i * \mu - \sum C_{\text{nett}_i \text{ ta' perjodi preċedenti}}$$

Fejn:

$$CR_{\text{ibbażata fuq l-istokkijiet}} = \text{Ir-rata ta' kontribuzzjoni bbażata fuq l-istokkijiet}$$

(identika għall-istituzzjonijiet membri kollha f'sena partikolari)

$$\sum C_{\text{nett}_i \text{ ta' perjodi preċedenti}} = \text{Is-somma tal-kontribuzzjonijiet tal-istituzzjoni membru "i" għall-perjodi preċedenti netti minn kwalunkwe aġġustament.}$$

77. Sabiex tikkalkula $CR_{\text{ibbażata fuq l-istokkijiet}}$, l-SGD għandha tapplika l-paragrafu 15 iżda għandha temenda l-paragrafu 16 kif ġej meta d-denominatur jeħtieġ li jkun tal-inqas ugwali għal 1:

$$(\text{minimu}) \text{ livell perjodiku fil - mira} =$$

$$(\text{minimu}) \text{ livell fil - mira bbażat fuq l - istokkijiet għall - perjodu attwali} =$$

$$\frac{\text{mezzi finanzjarji disponibbli kwalifikati fil - livell minimu fil - mira (QAFM)}}{\text{numru li jifdal ta' perjodi sakemm jintlaħaq il - livell minimu fil - mira}} + \text{QAFM}$$

f'konformità mal - Artikolu 10(2) tad - DGSD

78. Is-somma tal-kontribuzzjonijiet netti tal-perjodi preċedenti tal-banek membri n kollha tal-SGD għandha tkun ugwali għall-QAFM tal-SGD:

$$\sum_{i=1}^n \sum C_{\text{nett}_i \text{ tal - perjodi preċedenti kollha}} = \text{QAFM}$$

79. L-SGD għandha tistabbilixxi s-somma tal-kontribuzzjonijiet preċedenti tal-istituzzjoni membru "i" jew għall-perjodi preċedenti kollha, jew għal perjodu ta' żmien adegwat li għalih l-SGD tista' tistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet preċedenti tal-istituzzjonijiet membri kollha, jew skont indikatur adegwat li jirrifletti l-kontribuzzjonijiet tal-passat tal-istituzzjoni membru "i". Għal kull istituzzjoni membru "i", l-SGD għandha tgħodd dik is-somma tal-kontribuzzjonijiet preċedenti netti tal-aġġustamenti, li jirriżultaw, pereżempju minn interventi jew irkupri tal-SGD, sabiex jiġi rrispettat il-paragrafu 78.
80. L-awtorità kompetenti f'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura tista' titlob lill-SGD tissostitwixxi ARW_i u CD_i fil-formula fil-paragrafu 76 bil-medja (ponderata) ta' ARW_i u l-medja (ponderata) ta' CD_i fuq xi ftit perjodi. Meta dan ikun il-każ, l-SGD għandha tagħżel in-numru ta' perjodi li matulhom tista' tiegħu l-medja sabiex tevita varjazzjonijiet qawwija fil-kontribuzzjonijiet tal-istituzzjonijiet membri. Dan ir-rekwiżit ma jeżentax lill-SGD milli tilħaq il-livell fil-mira minimu tagħha skont l-iskadenzi stabbiliti fl-ewwel u fit-tielet subparagrafi tal-Artikolu 10(2) tad-DGSD.

4.7. Kalibrazzjoni tal-metodu ta' kalkolu u tar-rieżami regolari tiegħu

81. L-SGD għandha tikkalibra l-metodu ta' kalkolu bbażat fuq parir espert, filwaqt li tikkunsidra l-karatteristiċi tas-settur bankarju nazzjonali, u l-grad ta' eteroneġeneità fost l-istituzzjonijiet membri. Il-kalibrazzjoni tal-metodu ta' kalkolu tinkludi:
 - a. l-għażla tal-indikaturi tar-riskji;
 - b. il-ponderazzjoni tal-indikaturi tar-riskji;
 - c. il-limiti superjuri u inferjuri tal-IRS;
 - d. il-metodu ta' kalkolu tal-IRS;
 - e. il-livelli limiti tal-ARW;
 - f. il-metodu għall-kalkolu tal-ARW;
 - g. l-applikazzjoni ta' modifiki fakultattivi fil-formula tal-kalkolu.
82. L-SGD għandha tirrifletti fil-kontribuzzjoni ta' kull istituzzjoni membru, u għalhekk fil-kalibrazzjoni tal-metodu ta' kalkolu, responsabbiltà akbar imġarrba minn SGD bħala riżultat tal-parteċipazzjoni ta' membru relatata ma':
 - a. il-probabbiltà ta' intervent ta' SGD;
 - b. it-telfiet potenzjali għall-SGD li jirriżultaw minn intervent ta' SGD, fuq bażi netta wara rkupri potenzjali mill-massa fallimentari tal-istituzzjoni li falliet.
83. L-SGD għandha tallinja l-inċentivi pprovduti mill-metodu ta' kalkolu mar-rekwiżiti prudenzjali.
84. L-SGD għandha tqis il-prattiki ta' kontabilità u ta' rappurtar nazzjonali.
85. L-SGD għandha tikkalibra l-elementi kollha tal-metodu ta' kalkolu sabiex tkun konsistenti mad-*data* storika rilevanti. Għall-dan l-għan, *data* storika għandha tinkludi: (i) id-*data* dwar il-fallimenti tal-istituzzjonijiet, l-interventi tal-SGD, l-azzjonijiet ta' riżoluzzjoni jew il-miżuri meħuda minn awtoritajiet pubbliċi oħra biex jipprevjenu l-falliment; u (ii) id-*data* dwar it-telfiet netti jew ir-rati ta' rkupru tal-SGD minn avvenimenti bħal dawn.
86. L-awtorità kompetenti f'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura għandha – tal-inqas kull 5 snin u qabel ir-rieżami regolari ta' 5 snin ta' dawn il-Linji Gwida – tqabbel ir-riżultati miksuba fl-applikazzjoni tal-metodu ta' kalkolu ma' punt ta' riferiment xieraq għall-valutazzjoni tar-riskju tagħhom, pereżempju mal-valutazzjoni tar-riskju mwettqa taħt l-SREP. Dan it-tqabbil għandu

jsir b' mod olistiku. L-awtoritajiet kompetenti f' kooperazzjoni mal-awtorità maħtura għandhom jgħarrfu lill-EBA dwar l-eżitu olistiku ta' dan it-tqabbil u d-diskrepanzi osservati.

87. L-SGD għandha tirrieżamina u, fejn meħtieġ, tikkalibra mill-ġdid l-elementi kollha tal-metodu ta' kalkolu – tal-inqas kull 5 snin u wara r-rieżami regolari ta' 5 snin ta' dawn il-Linji Gwida – biex tiżgura li l-prestazzjoni tal-metodu ta' kalkolu tkun sensittiva biżżejjed għar-riskju u li tipprevedi biżżejjed diskriminazzjoni kontra r-riskju tal-istituzzjonijiet membri tagħha. Bidliet fir-rapportar tad-*data*, bidliet regolatorji jew istituzzjonali għandhom jiskattaw ukoll il-kontroll u l-verifika tal-prestazzjoni tal-mudell.

4.8. Aġġornament jew korrezzjoni tal-kontribuzzjonijiet

88. Meta l-SGD tkun teħtieġ li taġġusta l-kontribuzzjonijiet perjodiċi diġà mħallsa tal-istituzzjonijiet membri, pereżempju minħabba aġġornamenti ta' indikaturi ta' xi istituzzjonijiet membri biex tikkoreġi żbalji ta' kontabilità, l-SGD għandha tkun tista' tikkumpensa l-aġġustament bil-kontribuzzjoni perjodika dovuta li jmiss minflok ma jkollha terġa' tirrimborża u tiġbor il-kontribuzzjonijiet tal-passat.

4.9. Ġbir tad-*data*

89. L-SGD għandu jkollha sistemi adegwati biex tiġbor l-informazzjoni kollha meħtieġa biex tikkalkula l-kontribuzzjonijiet ta' kull istituzzjoni membru. Fil-każijiet meta l-SGD ma tiġborx l-informazzjoni direttament mill-istituzzjonijiet membri iżda tiddependi minn informazzjoni pprovduta mill-awtoritajiet kompetenti jew maħtura, għandhom jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet statutorji jew arranġamenti formali sabiex l-informazzjoni meħtieġa mill-SGD għall-amministrazzjoni tal-kontribuzzjonijiet tinġabar u tiġi trażmessa fil-ħin.
90. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet, l-SGD għandha tagħmel użu mill-informazzjoni diġà disponibbli għaliha jew mitluba minn istituzzjonijiet membri mill-awtoritajiet kompetenti bħala parti mill-obbligi ta' rapportar tagħhom. L-SGD għandha tilħaq bilanċ bejn it-talba għal informazzjoni neċessarja għall-kalkolu ta' kontribuzzjonijiet u l-evitar ta' talbiet għal informazzjoni mhux dovuti mill-istituzzjonijiet membri li joħolquhom piż żejjed.
91. L-SGD għandha titlob biss *data* li ma tkunx diġà ġiet irrapportata fuq bażi regolari jekk tali *data* tkun meħtieġa sabiex jiġi stabbilit ir-riskju li istituzzjonijiet membri joħolqu għall-SGD.

4.10. Trasparenza u kunfidenzjalità tad-*data*

92. Madankollu, l-SGD għandha tiżvela lill-pubbliku tal-inqas id-deskrizzjoni tal-metodu ta' kalkolu u l-parametri tal-formula tal-kalkolu, inklużi l-indikaturi tar-riskji, iżda mhux bilfors il-ponderazzjonijiet rispettivi tagħhom.

93. L-SGD għandha tiżvela r-riżultati tal-klassifikazzjoni tar-riskju u l-komponenti tagħha għal istituzzjoni membru partikolari lil dik l-istituzzjoni, iżda mhux lill-pubbliku.
94. L-SGD għandha żżomm konfidenzjali l-informazzjoni li tuża biex tikkalkula l-kontribuzzjonijiet u li ma tkunx pubblika b'xi mod ieħor.

4.11. Approvazzjoni tal-metodu tal-kalkolu

95. L-SGD għandha tfittex approvazzjoni mill-awtorità kompetenti f'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura qabel l-implimentazzjoni inizjali tal-metodu ta' kalkolu. L-SGD għandha tikseb it-tiġdid tal-approvazzjoni tal-awtorità kompetenti f'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura bi frekwenza li l-awtorità kompetenti tqis xierqa f'kooperazzjoni mal-awtorità maħtura u, fi kwalunkwe każ, qabel ma tintroduċi kwalunkwe bidla materjali f'metodu ta' kalkolu diġà approvat. L-SGD għandha tinnotifika lill-awtorità kompetenti u lill-awtorità maħtura b'bidliet mhux materjali fil-metodu ta' kalkolu fuq bażi annwali.

Anness 1 — Metodu ta' identifikazzjoni x għall-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet minimi

1. Il-metodu li ġej jiddeskrivi kif għandha tiġi identifikata "x" biex tiġi kkalkulata r-rata ta' kontribuzzjoni tal-kontribuzzjoni minima skont il-paragrafu 72b.
2. L-ewwel nett, l-SGD għandha tikklassifika l-istituzzjonijiet membri kollha f'ordni dejjem akbar skont il-prodott tal-ARW u d-depożiti koperti tagħhom $ARW_i * CD_i$. L-ordni tal-klassifikazzjoni tagħhom hija deskritta mill-indiċi "r". L-istituzzjoni membru bl-iżgħar $ARW_i * CD_i$ għandha klassifikazzjoni $r = 1$ u l-istituzzjoni membru bl-ogħla $ARW_i * CD_i$ għandha klassifikazzjoni $r = n$.
3. It-tieni nett, għal kull istituzzjoni membru, l-SGD għandha tikkalkula separatament il-kontribuzzjoni interim $interimC_r$ skont il-formula li ġejja:

$$interimC_r = \frac{\text{livell per jodiku fil} - \text{mira} - (r - 1) * MC}{\sum_{i=r}^n ARW_i * CD_i} * ARW_r * CD_r$$

4. It-tielet nett, l-SGD għandha tqabbel il- $interimC_r$ ta' kull istituzzjoni membru mal-kontribuzzjoni minima MC. Imbagħad għandha tgħodd in-numru "x" ta' istituzzjonijiet li għandhom iħallsu biss il-kontribuzzjoni minima MC, jiġifieri dawk li $interimC_r \leq MC$ tagħhom .
5. Ir-raba' nett, l-SGD għandha tapplika n-numru identifikat "x" ta' istituzzjonijiet li jħallsu l-kontribuzzjoni minima fil-formuli fil-paragrafu 72b.